**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2122**

KAZ 2784

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmelo Seychell

u

BIM Limited

Data : 13 ta' Frar 2012

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors prezentat fir-registru tal-Qorti fit-30 ta' April 2010.

It-Tribunal zamm 4 seduti.

Carmelo Seychell, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Owen Bonnici u BIM Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Charles Ebejer assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey.

L-appellant, li l-impieg tieghu kien gie terminat minhabba *redundancy*, talab li jerga' jinghata l-impieg mill-Kumpanija ghaliex il-post li kien jokkupa rega' sar ottenibbli fi zmien sena. Dan skond il-*proviso* ta' l-artiklu 36 (3) tal-Kap 452.

Il-Kumpanija sostniet li kien inqala htiega ta' tlett sighat xoghol fil-gimgha fuq bazi *piece meal* minhabba kuntratt partikolari, li ma gie mpjegat hadd minflok l-appellant u li dan il-ftit xoghol kien offrut lill-appellant li m'accettahx. Dan b'ebda mod ma jfisser li l-post li kien jokkupa l-appellant rega' sar ottenibbli.

Mix-xhieda jirrezulta li :

l-Kumpanija kellha nuqqas kbir ta' ordnijiet ghal xoghol li kien isir fl-*Engineering Department* u kienet kostretta li tittermina l-impieg ta' numru ta' haddiema. Dan sar fuq bazi ta' *last in first out* kif tirrekjedi l-ligi.

Ix-xoghol kien rikjest minhabba kuntratt li l-Kumpanija kienet hadet b'*tender* bi zmien biex jitlesta u penali stretti u kien jinvolvi xi ftit xoghol fuq magna li qabel kien jopera l-appellant.

Dan ix-xoghol gie offrut lill-appellant li ma accettahx ghax ma qabilx mal-hlas li kienet lesta thallas il-Kumpanija.

ix-xoghol kien qed jigi offrut fuq bazi *part-time* anke, jekk ried l-appellant, wara il-hin normali tax-xoghol u ghal zmien limitat ta' madwar 4 gimghat.

ir-*records* ta' l-ETC juru li ma gie mpjegat hadd fil-klassi jew fil-post li kien jokkupa l-appellant.

l-*Engineering Department* tal-Kumpanija ghalaq u mghadux jahdem.

It-Tribunal jikkonsidra li l-legizlatur fil-*proviso* ta' l-artiklu 36 (3) tal-Kap 452 tal-ligi ried jizgura li f'kaz ta' impjegat li jitkecca minhabba *redundancy* ikollu d-dritt li jerga' lura fl-impieg jekk il-post li kien jokkupa jerga' jkun ottenibbli. Dan obvjament ifisser li jkun rega' nqala il-htiega tal-post, u tax-xoghol li jmur mieghu, f'cirkostanzi simili ghal dawk li kienu jezistu qabel ma tkecca – jigifieri xoghol regolari fil-gimgha fil-post li kien jokkupa l-appellant li jiggustifika l-impieg ta' persuna ghal zmien indefinit.

Xoghol ghal 3 sighat fil-gimgha ghal madwar 4 gimghat ma jista' b-ebda mod jigi kunsidrat li post, li originarjament kien meqjus li jirrikjedi mpjegat ghal gimgha shiha ghal zmien indefinit, rega' sar ottenibbli.

Kumpanija kummercjali ghanda d-dritt tiehu dawk il-mizuri biex tevita l-falliment u biex issalva l-impieg ta' dawk il-haddiema li tista' izzomm fl-impieg.

Wara li kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal ma jilqax it-talba ta' l-appellant.

Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' € 94 (disa u erbghin ewro).

B'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju